# San Ġiljan tant Snin Ilu

Mario Fenech



**Il-lokalita` ta` San Ġiljan il-lum hija waħda mimlija bi stabbilimenti kummerċjali li kuljum jiġbdu tant nies lejn il-Pjazza ta` Spinola u l-madwar. Dan huwa ta`kuntrast kbir meta wieħed jara kemm kienet trankwilla l-ħajja tant snin ilu.**



San Ġiljan kien aktar post imfittex għall- villeġġjatura milli bħala post residenzjali. Fis-sajf l-attivita kienet tkun ferm akbar minn dik tax-xitwa fejn il-ftit nies li kienu jgħixu f`San Ġiljan kienu l-biċċa fil-kbira tagħhom sajjieda jew bdiewa.

L-ewwel ritratt li fih tidher it-triq li mill-Bajja tal-Balluta twasslek lejn il-Pjazza Spinola, jidhru d-djar sbieħ li mbnew minn familji benestanti lejn nofs is-seklu dsatax. Kienu djar kbar u sbieħ li llum sfortunatament ftit għad baqa' minnhom.

It-trankwillita li tidher fir-ritratt narawha mit-triq vojta għajr għal karrozzin wieqaf bil-kuċċier jistenna biex jgħabbi lin-nies. Jidher fir-ritratt l-pjantun waqt li kien qiegħed jagħmel ir-ronda tiegħu flimkien ma raġel bl-ilbies ta` dak iż-żmien.

Id-dar li tidher fuq in-naħa tax-xellug tar-ritratt għadha wieqfa, bħalma għadu wieqaf il-bini li jidher fuq in-naħa tal-lemin tar-ritratt. Il-bqija tal-bini l-ieħor li jidher il-lum ma għadux hemm u għamel il-wisa lill-blokki t`appartamenti li nbew matul dawn l-aħħar snin.

Fit-tieni ritratt tidher xena panoramika tat-triq li mill-Bajja tal-Balluta twasslek lejn l-għolja ta` Ta Ġiorni. Ir-ritratt huwa miġbud mill-inħawi tal-Exiles. Tidher il-parti ta` fuq tal-kampnar tal-knisja l-qadima tal-Karmnu fejn wieħed jinnota li għadu lanqas ġie mibni l-Kunvent tal-Patrijiet.

Mil-bini li jidher fuq in-naħa tal-lemin tar-ritratt tinnota kif kienet qiegħda tikber il-komuniuta tal-abitanti madwar il-Knisja l-qadima ta` San Ġiljan li fortunatament għadna nistgħu ingawduha sal lum.

Iz-żiemel fil-baħar u l-pal tal-bajtar tax-xewk li jidhru fir-ritratt ilhom li spiċċaw minn dawn l-inħawi. Illum wieħed jara bini għoli, ġenn tat-traffiku b`ħajja mgħaġġla u tgerfix. Dak li baqa' huma xi ritratti bħal dawn li jġibu nostalġija lil dawk li għandhom eta kbira u kurżita lil dawk ta`eta żgħira.

*IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD.*

